**27 ta' Marzu, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Joseph Edmond *sive* Jesmond Meilaq

*versus*

Brian Mizzi *et noe*

## Il-Kontumaċja - Effetti - Trattazzjoni fl-Appell

*Waqt li hu minnu li l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni iżda kontestazzjoni u sa hawn allura l-attur xorta jibqa' li jrid jiprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom, pero' tali prova ma ssirx la in kontestazzjoni ta' provi oħra prodotti mill-konvenut kontumaċi u lanqas b'kuntrast ma' l-eċċezzjonijiet minnu mogħtija.*

*Il-ġurisprudenza hi fis-sens li biex ikun ammess appell ta' min kien kontumaċi fl-ewwel grad, dan irid fl-ewwel lok jiġġustifika dik il-kontumaċja. Dan ma jfissirx pero', li l-konvenut kontumaċi li jappella m'għandux jitħalla jitratta l-appell.*

*Fil-każ in eżami l-konvenut tħalla jitratta l-appell fuq l-atti akkwiżiti. Issa una volta ma ġġustifikax il-kontumaċja tiegħu hu inutilment jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx l-aggravji tiegħu li fil-verita' jirrispekkjaw eċċezzjonijiet li hu kien ikun intitolat li joppони għat-talbiet attriċi fis-smigħ quddiem l-Ewwel Qorti, imma li hu naqas li javvanza.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ f'kawża fejn is-soċjeta' konvenuta baqgħet kontumaċi. Is-sentenza hija hekk:

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Irriżulta li l-attur akkwista l-vettura msemmija fiċ-ċitazzjoni bil-prezz ta' Lm4,700 mingħand is-soċjeta' konvenuta. Ftit ġranet wara, l-attur induna li din il-vettura kienet immejla fuq in-naħa tal-lemin. Mir-rapport u mix-xhieda ta' l-Inġinier Spiteri, irriżulta li dan hu difett li seħħ waqt il-manifattura tal-vettura u hu ta' natura

permanenti. Dan id-difett naqqas il-valur tal-vettura b'għoxrin fil-mija (20%). Fil-fehma tal-Qorti dan id-difett jinkwadra ruħu kemm fil-kunċett ta' bejgħ ta' oġġett li m'għandux il-kwalita` pattwita (billi hu impliċitu f'bejgħ ta' karozza ġdida li din għandha tkun konsenjata f'kondizzjoni tajba u bil-partijiet kollha li jikkomponuha sodisfaċenti f'kull rispett) u kemm ukoll fil-kunċett ta' vizzju ridebitorju. Dana billi si tratta ta' difett fil-manifattura tal-karozza li jnaqqas konsiderevolment il-prezz tagħha, b'mod li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bid-difett;

Illi għalhekk, l-ewwel talba ta' l-attur, hija ġustifikata;

Illi t-tieni talba ta' l-attur hija konċepita b'rimedji alternattivi;

Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel rimedju mitlub, ċjoe` li l-konvenuti jiġu kkundannati jirrimpjazzaw l-imsemmija vettura b'oħra ġdida ta' l-istess għamla u mudell ma jistax jiġi adoperat billi ma jidhirx li l-liġi tippermettih. Mill-banda l-oħra, r-rimedju l-ieħor mitlub mill-konvenut jinkwadra ruħu fl-artikolu 1390 u 1427 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk hemm lok li l-konvenuti jiġu kkundannati jroddu lura lill-attur parti mill-prezz tal-vettura biex jagħmlu tajjeb għall-imsemmi difett. A bażi tax-xhieda mhix kontradetta ta' l-Inġinier Spiteri, id-diminuzzjoni mitluba tammonta għas-somma ta' Lm940, ċjoe` 20% tal-prezz ta' Lm4,700 konkordat bejn il-partijiet għall-vettura;

Illi fl-aħħarnett irid jingħad illi skond il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, il-konvenut li jibqa' kontumaċi, bħal fil-każ odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, iżda jitqies li jkun irrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero`, li l-Qorti tista' tqajjem hija stess *ex officio* kwalunkwe eċċezzjoni li l-konvenut

seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawża, billi kif ġie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re **Hammet *vs* Genovese** mogħtija fil-31 ta' Jannar, 1991:

"Il-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubbliku";

għaliex altrimenti tinħoloq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeċidi fuq l-eċċezzjoni tagħha stess, ħaġa li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' prinċipju kardinali tas-smigħ xieraq tal-kawża;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi, fil-kontumaċja tal-konvenuti *nomine*, tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur kif dedotta u tilqa' t-tieni talba tiegħu limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti li jħallsu lill-attur is-somma ta' Lm940 (disa' mija u erbgħin lira Maltija) bħala diminuzzjoni fil-prezz tal-vettura;

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenuti *nomine*";

Il-konvenut *nomine* ħassu aggravat b'din is-sentenza u appella in suċċint għal dawn ir-raġunijiet:

Li l-mod kif huma intavolati t-talbiet ta' l-attur huma inammissibbli skond il-liġi. Isostni li l-attur qed jitlob lill-Qorti tiddeċidi li l-allegat difett fil-karozza jikkostitwixxi kemm difett latenti kif ukoll bażi għall-azzjoni li l-oġġett mhux tal-kwalita' patwita. Isostni li mhux permess li tiġi intavolata azzjoni li temerġi

minn żewġ istituti differenti;

Li r-rimedji mitluba mill-attur huma magħmula b'mod għal kollox anomalu u mhux skond il-liġi. Qed jitlob jew ir-rimpjazzament tal-vettura b'oħra ġdida bħalha, jew ir-rimpjazzament u diminuzzjoni fil-prezz u jekk dan mhux possibbli, allura diminuzzjoni fil-prezz. L-attur jidher għalhekk li mhux ċar fit-talba tiegħu;

Li tenut kont tal-fatt illi l-kontumaċja hija kontestazzjoni u mhux ammissjoni, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq perizja *ex parte*. Kellha tittieħed l-opinjoni teknika minn persuna indipendenti. Kellha anke, rigward il-prezz tal-karozza, titlob l-aħjar prova u mhux toqgħod fuq ix-xhieda ta' l-attur;

Irid qabel xejn jiġi deċiż jekk il-konvenut kontumaċi għandux jitħalla jitratta l-kawża fl-istadju ta' l-appell. Għandu jiġi qabel xejn premess illi l-konvenut bl-ebda mod ma ttanta jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, la quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas quddiem din il-Qorti. L-istat kontumaċjali tiegħu għandu allura jittieħed bħala inġustifikat u għandu neċessarjament jiġbed fuq il-konvenut ir-rigur tal-provvedimenti tal-liġi in rigward;

Issa hu veru illi hu risaput li l-kontumaċja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni u sa hawn allura l-attur xorta jibqa' li jrid jipprova t-talbiet tiegħu u l-premessi għalihom. Pero`, tali prova ma ssirx la in kontestazzjoni ta' provi oħra prodotti mill-konvenut kontumaċi u lanqas b'kuntrast ma' l-eċċezzjonijiet minnu mogħtija. Il-ġurisprudenza hi fis-sens illi:

"Jibqa' dejjem pero` ferm illi biex jiġi ammess appell ta' min kien kontumaċi fl-ewwel grad, dan irid fl-ewwel lok jiġġustifika

dik il-kontumaċja kif reġa' ġie ribadit reċentement minn din il-Qorti fil-21 ta' Mejju, 1993, f'**J. Vella** ***pro et noe vs*** **J. Vella** (Appell **Sister Luigia Grech** ***noe et vs*** **Anthony Mercieca Ciancio** - 4 ta' Mejju, 1994)";

Dan ma jfissirx pero`, li l-konvenut kontumaċi li jappella m'għandux jitħalla jitratta l-appell;

"Dwar dan, il-Qorti tirrileva illi l-kontumaċja *quddiem* l-Ewwel Qorti ma tipprekludix l-appell lil din il-Qorti. Biss skond l-artikolu 206 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-konvenut li kien kontumaċi ma jistax iġib xhieda quddiem din il-Qorti kemm-il darba ma jiġġustifikax in-nuqqas tiegħu" (Vol. XXXI, P.I, p.139 u 290; Vol. XLII, P.I, p.517);

U dan hu naturali għax la hu permess l-appell tat-terz interessat wieħed ma jarax kif jista' jiġi rifjutat l-appell tal-parti anke jekk kontumaċi;

Effettivament fil-każ in eżami l-konvenut *tħalla jitratta l-appell* fuq l-atti akkwiżiti. Issa una volta ma ġġustifikax il-kontumaċja tiegħu, hu inutilment jilmenta li l-Ewwel Qorti ma *kkunsidratx l-aggravji* tiegħu li fil-verita` jirrispekkjaw eċċezzjonijiet li hu kien ikun intitolat li jopponi għat-talbiet attriċi fis-smigħ quddiem l-Ewwel Qorti, imma li hu naqas li javvanza;

"Fis-sistema ġudizzjarju tagħna l-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet li mhijiex espressament mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku awtorizzata tissolleva. Il-ġudikant għandu jiddeċidi l-kawża billi joqgħod fuq il-binarji *tal-kontestazzjoni tal-parti* u mhux tal-ġudikant li jeskoġita difiżi u eċċezzjonijiet dwar

kwistjonijiet legali" (Qorti tal-Kummerċ **Grech** ***vs*** **Saglimbene** - 9 ta' April, 1992);

"Il-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet li mhux awtorizzati espressament mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwistjoni legali tkun tista' tiġi ssollevata mill-Qorti, prattika din li mhix rakkomandabbli li tista' twassal għal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeċidi fuq l-eċċezzjoni tagħha stess". (Appell **Hammett** ***vs*** **Genovese** - 31 ta' Jannar, 1991);

U jekk il-Qorti ma tistax *ex officio* tqajjem l-eċċezzjonijiet li kienu indikati għat-talbiet ta' l-attur, *multo magis* ma jistax il-konvenut *nomine* jippretendi li jitratta dawn l-eċċezzjonijiet jew agħjar jippretendi li din il-Qorti tikkunsidra u tilqa' dawn l-eċċezzjonijiet li mhumiex quddiemha. Anke jekk l-eċċezzjonijiet li għalihom l-appellant *nomine* aċċenna kienu jippreżentaw motiv ta' interess ġuridiku li kieku ngħataw fiż-żmien. Il-Qorti allura trid tqis it-trattazzjoni ta' l-appellant *nomine* biss sa fejn din kienet titratta dwar l-apprezzament tal-provi miġbura u jekk dawn kienux jissodisfaw dak il-minimu neċessarju biex jiġġustifika t-talbiet. Provi li ma ġew bl-ebda mod kontestati mill-konvenut jew kontrastati bi provi kuntrarji. Fir-rigward tal-likwidazzjoni ta' l-ammont li kellu jitnaqqas mill-prezz tal-karozza ġdida li akkwista l-attur, l-appellant jissottometti illi l-Qorti ma kellhiex toqgħod fuq l-opinjoni *ex parte* prodotta mill-attur, imma kellha tikkonduċi perizja teknika indipendenti. Anke hawn pero', il-Qorti kellha u għandha diskrezzjoni fil-kondotta tal-kawża u jekk kienet sodisfatta li l-perizja *ex parte* kienet affidabbli, serja u siewja - kif ovvjament kienet - il-Qorti kellha kull dritt li taċċettaha bħala prova. Dan anke a skans ta' spejjeż żejda li kienu jaggravaw lis-soċjeta' konvenuta inutilment.

Dan l-argument ikompli jieħu sustanza anke mill-emendi reċenti għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li issa jippermetti l-produzzjoni ta' opinjonijiet ta' esperti tekniċi *ex parte* li jistgħu jiġu valutati bħala prova proċesswali valida;

Din il-Qorti allura ma tarax raġuni għaliex għandha tvarja u tiddipartixxi mis-sentenza appellata;

Għal dan il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant *nomine*.